MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2003

Talba Numru. 3015/2002

**Gasan Enterprises Limited
vs
Frederick Testa**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' erba mija u sitta u hamsin lira Maltin u erba' u sittin centezmu (Lm456.64) dovuti skond erba (4) kambjali li gew iffirmati mill-konvenut u li skadew fl-4 ta' Settembru 2002, fil-4 ta' Ottubru 2002, fl-4 ta' Novembru 2002 u fl-4 ta' Dicembru 2002 izda baqaw ma thallsux u dana nonostante li l-konvenut gie diversi drabi interpellat u dan kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Bl-ispejjes, komprisi dawk ta' Ittra Ufficjali datata 10 ta' Dicembru 2002 u tal-parir (Lm15.00) kontra l-konvenut u bl-imghax kontra l-istess konvenut mid-data ta' kull skadenza. Il-konvenut ngunt ghas-subizzoni.

Ra li l-konvenut baqa' ma ipprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema' lil Dr Louis Bianchi jikkonferma bil-gurament li sar pagament waqt il-mori tal-kawza u ghalhekk qed jirriduci it-talba ghas-somma ta' Lm106.64 (mija u sitt liri Maltin u erba' u sittin centezmu).

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm106.64 (mija u sitt liri Maltin u erba' u sittin centezmu) Bl-ispejjes u bl-interessi skond il-ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------